



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

19 ta' Diċembru 2012\*

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 1999/30/KE — Kontroll tat-tniġġis — Valuri limitu għall-konċentrazzjonijiet ta' PM10 fl-arja ambjentali”

Fil-Kawża C-68/11,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fis-16 ta' Frar 2011,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A. Alcover San Pedro u S. Mortoni, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Taljana**, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Varone, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, M. Ilešič, E. Levits, M. Safjan (Relatur) u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

## Sentenza

- 1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi naqset milli tiżgura li, matul bosta snin konsekuttivi, f'numru ta' żoni u agglomerazzjonijiet fit-territorju Taljan, il-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja fl-ambjent ma jaqbżux il-valuri limitu imposti mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE, tat-22 ta' April 1999, dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 164), li sar l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, p. 1), ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmi Artikolu 5.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-Direttiva 96/62/KE*

- 2 Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE, tas-27 ta' Settembru 1996, dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 95), l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar ir-rispett tal-valuri ta' limiti li japplikaw għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub>.
- 3 Skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva:

“1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' inkwinant wieħed jew iktar minn wieħed ikunu ogħla mill-valur limitu miżjud bil-margġini tat-tolleranza.

[...]

3. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw li pjan jew programm jitħejja jew jiġi implimentant biex jintlaħaq il-valur limitu fil-limitu ta' żmien speċifikat.

Il-pjan jew il-programm imsemmi, li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, għandu jħaddan fih talanqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV.

4. Fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta l-livell ta' iżjed minn inkwinant wieħed ikun ogħla mil-valuri limitu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan integrat li jkopri l-inkwinanti kollha konċernati.

[...]”

#### *Id-Direttiva 1999/30*

- 4 Il-PM<sub>10</sub> huma definiti fl-Artikolu 2, punt 11, ta' din id-Direttiva bħala partiċelli li jgħaddu minn daħla ta' daqs selettiv b'effiċjenza ta' 50 % maqtugħa b'10 µm dijametru erodinamiku.
- 5 Skont l-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva:

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-konċentrazzjonijiet ta' PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali kif stmata skond l-Artikolu 7, ma teċċedix il-valuri tal-limitu stabbiliti f'Sezzjoni I ta' l-Anness III mid-dati speċifikati hemmhekk

[...]

6 L-Artikolu 5(4) tal-imsemmija direttiva jistabilixxi:

“Fejn il-valuri ta’ limitu għall-PM<sub>10</sub> stabbiliti f-Sezzjoni I ta’ l-Anness III huma maqbuża minħabba konċentrazzjonijiet ta’ PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali minħabba avvenimenti naturali li jirriżultaw f’konċentrazzjonijiet notevolment b’eċċess tal-livelli normali minn sorsi naturali, l-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/62/KE, li tipprovdi għall-ġustifikazzjoni neċessarja biex turi li dawn l-eċċessi huma minħabba avvenimenti naturali. F’dawn il-każijiet l-Istati Membri jkunu obbligati li jimplementaw pjan t’azzjoni skond l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, biss, fejn il-valuri tal-limitu stabbiliti f’Sezzjoni I ta’ l-Anness III huma maqbuża minħabba raġunijiet barra dawk ta’ l-avvenimenti naturali.”

7 Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-Anness III tad-Direttiva 1999/30 jistabbilixxi żewġ tipi ta’ limiti għal PM<sub>10</sub> billi jiddistingwi żewġ fażijiet, li huma stess huma sseparati f’żewġ perijodi. Għal dak li jirrigwarda l-perijodu tal-ewwel fażi, li huwa ta’ bejn l-1 ta’ Jannar 2005 u l-31 ta’ Diċembru 2009, minn naħa waħda, il-valur ta’ ġurnata ta’ 50 µg/m<sup>3</sup> ma jistax jinqabeż iktar minn 35 darba kull sena kalendarja u, min-naħa l-oħra, il-valur annwali ma għandux jaqbeż 40 µg/m<sup>3</sup>. Għal dak li jirrigwarda l-perijodi tat-tieni fażi, mill-1 ta’ Jannar 2010, minn naħa waħda, il-valur ta’ ġurnata li ma jridx jaqbeż iktar minn 7 darbiet kull sena kalendarja huwa ta’ 50 µg/m<sup>3</sup> u, min-naħa l-oħra, il-valur ta’ limitu annwali huwa ta’ 20 µg/m<sup>3</sup>.

8 Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> prevista fl-Artikolu 7 ta’ din l-istess direttiva, għandha ssir distinzjoni bejn “żona” u “agglomerazzjoni”.

9 Skont l-Artikolu 2, punt 8 tad-Direttiva 1999/30, żona tfisser “parti mit-territorju tagħhom delimitat mill-Istati Membri”.

10 L-Artikolu 2, punt 9 ta’ din id-direttiva jiddefinixxi agglomerazzjoni bħala “żona b’konċentrazzjoni ta’ popolazzjoni b’iktar minn 250 000 abitant jew, fejn il-konċentrazzjoni ta’ popolazzjoni hija 250 000 abitant jew anqas, b’densità ta’ popolazzjoni kull km<sup>2</sup>, li għall-Istati Membri jiġġustifika l-bżonn li l-kwalità t’arja ambjentali tiġi stmata u mmaniġġjata”.

11 Skont l-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma’ din id-direttiva mhux iktar tard mid-19 ta’ Lulju 2001.

*Id-Direttiva 2008/50*

12 Id-Direttiva 2008/50, li daħlet fis-seħħ fil-11 ta’ Ġunju 2008, permezz tal-Artikolu 31 tagħha, ħassret id-Direttivi 96/62 u 1999/30, b’effett mill-11 ta’ Ġunju 2010, mingħajr dannu għall-obbligi tal-Istati Membri f’dak li jirrigwarda t-termini għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta’ dawn l-aħħar direttivi.

13 L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50, intitolat “Valuri ta’ limitu u l-limiti ta’ allert għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem”, jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, PM<sub>10</sub>, iċ-ċomb u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta’ l-ambjent ma’ jaqbżux il-valuri ta’ limitu stabbiliti fl-Anness XI.

[...]

Il-konformità ma’ dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi vvalutata skond l-Anness III.

Il-marġini ta' tolleranza stabbiliti fl-Anness XI għandhom japplikaw skond l-Artikolu 22(3) u l-Arikolu 23(1).”

- 14 Għandu jiġi kkonstatat li l-Anness XI tad-Direttiva 2008/50 ma biddilx il-valuri limitu stabbiliti għall-PM<sub>10</sub> mill-Anness III tad-Direttiva 1999/30 għall-ewwel fażi.
- 15 Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2008/50 tistabbilixxi, fl-Artikolu 22 tagħha, regoli dwar l-estensjoni tat-termini stabbiliti għall-kisba tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> u, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni tal-obbligu li dawn jiġu applikati.
- 16 Skont l-Artikolu 22 ta' din id-Direttiva:

“1. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tad-dijossidu tan-nitroġenu jew il-benzina ma jistgħux jinkisbu sat-termini perentorji speċifikati fl-Anness XI, Stat Membru jista' jipposponi dawk it-termini perentorji sa massimu ta' ħames snin għal dik iż-żona jew agglomerazzjoni partikolari, sakemm ikun għe stabbilit pjan dwar il-kwalità ta' l-arja skond l-Artikolu 23 għaż-żona jew agglomerazzjoni li għalihom japplika l-posponiment; tali pjan dwar il-kwalità ta' l-arja għandu jiġi supplimentat mill-informazzjoni espota fit-Taqsima B ta' l-Anness XV dwar is-sustanzi li jniġġsu kkonċernati u għandu juri kif il-konformità mal-valuri ta' limitu għandha tintlaħaq qabel it-terminu perentorju l-ġdid.

2. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri ta' limitu fir-rigward tal-PM<sub>10</sub>, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tinkiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontributi transkonfinali, l-Istat Membru għandu jkun eżentat mill-obbligu li japplika dawk il-valuri ta' limitu sal-11 ta' Ġunju 2011, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu osservati, u sakemm dak l-Istat Membru juri li jkun ħa l-miżuri adegwati kollha fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex ilaħħaq ma l-iskadenzi.

[...]

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi 1 jew 2 japplikaw, u għandhom jikkomunikaw il-pjan dwar il-kwalità ta' l-arja msemmi fil-paragrafu 1 inkluż kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun valutat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati fuq il-kwalità ta' l-arja ambjentali fl-Istati Membri, kemm fil-preżent u kemm fil-ġejjieni, ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati Komunitarji fuq il-kwalità ta' l-arja ambjentali ta' miżuri Komunitarji kurrenti u ta' miżuri Komunitarji pjanati li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni.

Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien disa' xhur minn meta tiġi riċevuta dik in-notifika, għandhom jitqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 jew 2.

Jekk jitqajmu oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istati Membri jaġġustaw jew jipprovdu pjanijiet ġodda dwar il-kwalità ta' l-arja.”

#### **Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-proċedura prekontenzjuża**

- 17 Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/62, ir-Repubblika Taljana ppreżentat lill-Kummissjoni rapporti dwar il-valuri limiti li japplikaw għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub>, fl-arja ambjentali għas-snin 2005 sa 2007.

- 18 Fl-analiżi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni kkonstatat li dawn il-valuri limitu, stabbiliti fil-punt I tal-Anness III tad-Direttiva 1999/30, inqabżu matul perijodu twil f'diversi żoni fit-territorju Taljan.
- 19 Permezz tal-ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Taljana bl-intenzjoni tagħha li timplimenta l-proċedura prevista fl-Artikolu 226 KE fil-każ li hija ma tkunx irċeviet, sal-31 ta' Ottubru 2008, applikazzjoni għall-eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50.
- 20 Permezz tal-ittri tat-3 u tas-16 ta' Ottubru 2008, ir-Repubblika Taljana informat lill-Kummissjoni bil-miżuri pprogrammati jew deċiżi minn erbatax-il reġjun jew minn żewġ provinċji awtonomi sabiex tevita li taqbeż il-valuri limitu applikabbli għal konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fiż-żoni li jirrigwardaw il-kompetenza tagħhom.
- 21 Peress li sal-14 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni ma kienet irċeviet l-ebda applikazzjoni għal eżenzjoni mingħand dan l-Istati Membru, hija kkunsidrat li l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50 ma kienx japplika.
- 22 Peress li l-Kummissjoni qieset li r-Repubblika Taljana kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/30, hija, fit-2 ta' Frar 2009, indirizzat lil dan l-Istat Membru ittra ta' intimazzjoni. Flimkien ma' din l-ittra kienet annessa lista ta' 55 żona u agglomerazzjoni Taljana li fihom il-limiti ta' ġurnata u/jew annwali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> kienu nqabżu matul is-snin 2006 u 2007.
- 23 Permezz tal-ittri tal-1 u tat-30 ta' April, tat-22 ta' Ottubru u tal-11 ta' Novembru 2009, ir-Repubblika Taljana rrispondiet lill-Kummissjoni li hija kienet indirizzatilha, fis-27 ta' Jannar u fil-5 ta' Mejju 2009, żewġ applikazzjonijiet għall-eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50 li kienu jirrigwardaw, minn naħa waħda, 67 żona li kienu jinsabu fi 12-il reġjun u 2 provinċji awtonomi u, min-naħa l-oħra, 12-il żona li jinsabu fi 3 reġjuni oħra.
- 24 Wara li kienet analizzat dawn iż-żewġ applikazzjonijiet għall-eżenzjoni, il-Kummissjoni tat żewġ deċiżjonijiet rigward l-imsemmija applikazzjonijiet, fit-28 ta' Settembru 2009 u fl-1 ta' Frar 2010 rispettivament.
- 25 Fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni oġġezzjonat għall-applikazzjoni ppreżentata mir-Repubblika Taljana fis-27 ta' Jannar 2009 għal dak li jirrigwarda 62 mis-67 żona identifikati mir-Repubblika Taljana u li jinsabu fir-Reġjuni tal-Lombardia, tal-Emilia Romagna, tal-Friuli-Venezia Giulia, tal-Lazio, tal-Liguria, tal-Marche, tal-Umbria, tal-Piemonte, tal-Toscana u ta' Venezia, kif ukoll fil-provinċja awtonoma ta' Trento.
- 26 Fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni oġġezzjonat għall-applikazzjoni ppreżentata mir-Repubblika Taljana fil-5 ta' Mejju 2009 għal dak li jirrigwarda ħax mit-tmax-il żona identifikata mir-Repubblika Taljana u li jinsabu fir-Reġjuni tal-Campania, tal-Puglia u ta' Sicilia.
- 27 Sussegwentement, dan l-Istat Membru ma ppreżentax applikazzjoni ġdida għall-eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50.
- 28 Meta wieħed iqis li r-Repubblika Taljana kienet qabżet il-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali matul bosta snin konsekuttivi, f'diversi żoni tat-territorju Taljan, il-Kummissjoni, fis-7 ta' Mejju 2010, ħarġet opinjoni mmotivata li fiha hija kkonkludiet li r-Repubblika Taljana kienet naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/30. Għaldaqstant, il-Kummissjoni stiednet lil dan l-Istat Membru sabiex jieħu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha f'terminu ta' xahrejn minn meta tirċievi l-imsemmija opinjoni.

- 29 Fir-risposta tagħha tas-6 ta' Lulju 2010, ir-Repubblika Taljana invokat l-elaborazzjoni ta' strateġija nazzjonali, li kellha tiġi tradotta fl-adozzjoni ta' totalità ta' liġijiet u regolamenti, fuq skala nazzjonali, kif ukoll permezz tal-linji gwida rigward is-setturi ta' attività prinċipalment responsabbli mill-emissjonijiet tal-PM<sub>10</sub> u mis-sustanzi li jniġġsu suxxettibbli li jinbiddu f'PM<sub>10</sub>. Ir-Repubblika Taljana, barra minn hekk, talbet li ssir laqgħa mad-dipartimenti tal-Kummissjoni sabiex jiġu diskussi l-liġijiet u r-regolamenti pprogrammati. Din il-laqgħa saret fi Brussell (il-Belġju), fis-26 ta' Lulju 2010.
- 30 Permezz tal-ittra tal-25 ta' Awwissu 2010, ir-Repubblika Taljana rrikonoxxiet li, fl-iskadenza tat-terminu li kien ingħatalha sabiex tirrispondi għall-opinjoni motivata, il-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali kienu għadhom maqbuża f'diversi żoni u agglomerazzjonijiet Taljani. Dan l-Istat Membru ttrażmetta lill-Kummissjoni informazzjoni oħra dwar miżuri nazzjonali li kellhom jiġu adottati fil-ħarifa 2010 u kkomunikati qabel ix-xahar ta' Novembru 2010, flimkien ma' studju dwar l-impatt rigward iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom dawn il-valuri limitu jibqgħu jinqabżu, sabiex jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50.
- 31 Sussegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx ġiet informata dwar l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri nazzjonali. Hija lanqas ma rċeviet l-istudju dwar l-impatt rigward iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet rilevanti u lanqas ma rċeviet l-applikazzjoni l-ġdida għall-eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50.
- 32 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

### **Fuq ir-rikors**

#### *L-argumenti tal-partijiet*

- 33 Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni ssostni li r-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/62/KE mir-Repubblika Taljana għas-sena 2005 u għas-snin ta' wara juru li l-valuri ta' limitu applikabbli għall-konċentrazzjoni tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali nqabżu fuq perijodu twil u f'bosta żoni tat-territorju Taljan.
- 34 Barra minn hekk, skont l-informazzjoni trażmessa minn dan l-Istat Membru għal dak li jirrigwarda s-sena 2009, il-qbiż tal-imsemmija valuri ta' limitu baqa' f'70 żona li kienu jinsabu fir-Reġjuni tal-Campania, tal-Emilia Romagna, tal-Friuli Venezia Giulia, tal-Lazio, tal-Liguria, tal-Lombardia, tal-Marche, tal-Umbria, tal-Piemonte, tal-Puglia, ta' Sicilia, tat-Toscana u ta' Venezia, kif ukoll fil-provinċja awtonoma ta' Trento.
- 35 Issa, ir-Repubblika Taljana ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura l-osservanza tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> u ma sottomettietx applikazzjoni ġdida għall-eżenzjoni skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50.
- 36 Ir-Repubblika Taljana tinnotta li l-emissjonijiet tal-PM<sub>10</sub> joriġinaw kemm minn sorsi artifiċjali, bħal eżempju t-tiġin u minn sorsi naturali, bħal vulkani, kif ukoll minn reazzjonijiet kimiċi li huma prodotti fl-atmosfera bejn il-pollutanti magħrufa bħala "prekursuri". Il-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali huma barra minn hekk influwenzati ħafna mill-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u mill-estensjoni tal-moviment tal-partiċelli ddepożitati mal-art.

- 37 Peress li ġie kkonstatat qbiż tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> mis-sena 2001, ir-reġjuni Taljani adottaw il-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62 sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' dawn il-partiċelli. Dawn il-pjanijiet kienu bħala regola ġenerali jirrigwardaw is-settur tat-trasport. Mis-sena 2006 ġew adottati progressivament miżuri għal dak li jirrigwarda s-settur ċivili, tal-agrikultura u tat-trobbija.
- 38 Fuq skala nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti kienu wkoll adottaw miżuri fis-setturi ċivili, tal-industrija, tal-agrikultura u tat-trasport sabiex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali.
- 39 It-totalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet wasslet għal titjib nett fil-kwalità tal-arja bejn is-sena 1990 u s-sena 2009, bi tnaqqis tan-numru ta' ġranet ta' qbiż tal-valur limitu ta' ġurnata għal PM<sub>10</sub>. Madankollu, dan it-titjib jidher li ma kienx biżżejjed sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fit-termini mogħtija.
- 40 Fil-fatt, skont ir-Repubblika Taljana, dan il-għan ma kienx possibbli li jintlaħaq. Sabiex jintlaħaq kien ikun hemm bżonn l-adozzjoni ta' miżuri drastiċi fuq il-pjan ekonomiku u soċjali u ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali bħal dawk tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni, l-inizzjattiva ekonomika privata, id-dritt taċ-ċittadini għas-servizzi ta' użu pubbliku.
- 41 Ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li jeżistu tal-inqas ħames raġunijiet għalfejn il-valuri ta' limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> ma kinux ġew osservati fit-terminu mogħti jiġifieri, l-ewwel nett, il-kumplessità tal-fenomeni tal-formazzjoni tal-PM<sub>10</sub>; it-tieni nett, l-influenza tal-meteoroloġija fuq il-konċentrazzjonijiet atmosferiċi tal-PM<sub>10</sub>; it-tielet nett, il-konnoxxenza teknika insuffiċjenti tal-fenomeni tal-formazzjoni tal-PM<sub>10</sub> li kienu wasslu għall-istabbiliment ta' termini wisq qosra sabiex dawn il-valuri ta' limitu jiġu osservati; ir-raba' nett, il-fatt li d-differenzi politiċi tal-Unjoni Ewropea intiżi sabiex inaqqsu il-prekursuri tal-partiċelli PM<sub>10</sub> ma produċewx ir-riżultati mistennija, u l-ħames nett, l-assenza tal-konnessjoni bejn il-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-kwalità tal-arja u, b'mod partikolari, dik intiża sabiex tnaqqas il-gass b'effett serra.
- 42 Fir-risposta tagħha l-Kummissjoni nnotat li, fil-kuntest tad-Direttivi 96/62, 1999/30 u 2008/50, tista' tibbaża ruħha biss fuq data sottomessa mill-Istat Membru rilevanti fl-istħarriġ fir-rigward tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub>, li jistabbilixxi ż-żoni ta' miżura tal-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> li jiddeterminaw iż-żoni tal-miżuri ta' konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> u l-inkarigu li jiġu eżegwiti dawn il-miżuri. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-fatt li dawn il-valuri limitu kienu nqabżu matul bosta snin konsekuttivi, f'diversi żoni, kien magħruf sewwa mir-Repubblika Taljana.
- 43 Għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq l-eżistenza tar-raġunijiet ta' ordni ġenerali li ma ppermettewx lir-Repubblika Taljana tosserva l-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fit-termini mogħtija, il-Kummissjoni tfakkar li l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2008/50 jipprovdi, taħt ċerti kundizzjonijiet, eżenzjoni mill-obbligu li tapplika dawn il-valuri limitu. Issa, ir-Repubblika Taljana ma ppreżentat l-ebda applikazzjoni għall-eżenzjoni ġdida wara l-oġġezzjonijiet esposti mill-Kummissjoni fid-deċizzjonijiet tagħha tat-28 ta' Settembru 2009 u tal-1 ta' Frar 2010.
- 44 Barra minn hekk, fid-deċizzjoni tagħha tat-28 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni indikat li l-argument ibbażat fuq l-emissjoni tal-PM<sub>10</sub> fuq skala mondjali u kontinentali jista' jittieħed inkunsiderazzjoni biss f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi u mhux b'mod ġenerali. Fir-rigward tal-baċir tal-Po, hija enfassizzat li "il-kontribut li ġie stmat tat-tniġġis transkonfini fil-baċir tal-Po ma jistax jitqies bħala rappreżentattiv minħabba s-sitwazzjoni ġeografika speċifika ta' dan ir-reġjun, peress li dan huwa mdawwar bil-muntanji u bil-baħar. Il-Kummissjoni tikkonstata li l-kontribuzzjonijiet transkonfinali huma, fi kwalunkwe każ, ta' importanza limitata f'din iż-żona."

- 45 Bl-istess mod, fid-deċiżjonijiet tagħha tat-28 ta' Settembru 2009 u tal-1 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni kienet innotat l-assenza ta' informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Taljana, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/50, fir-rigward tal-kontribuzzjoni tas-sorsi naturali fil-qbiż tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fiż-żoni rilevanti. Barra minn hekk, għalkemm ir-Repubblika Taljana ppreżentat xi pjanijiet reġjonali lill-Kummissjoni, hija għadha ma ppreżentatx pjan nazzjonali għall-kwalità tal-ajra.
- 46 Għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq l-obbligu li jiġu adottati miżuri drastiċi dwar il-pjan ekonomiku u soċjali u dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni tindika li l-ebda Stat Membru ma ppreżenta rikors għal annullament kontra d-Direttivi 1999/30 u 2008/50.
- 47 Il-Kummissjoni żżid li r-Repubblika Taljana tirrikonoxxi, fir-risposta tagħha, li l-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> għadhom ma humiex irrispettati u li din is-sitwazzjoni mhux ser tinbidel fi żmien qasir jew medju. Minn dan il-Kummissjoni tiddeđu li s-sitwazzjoni tal-qbiż f'dawn il-valuri limitu hija ta' natura kostanti u sistematika.
- 48 F'dawn il-kundizzjonijiet, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tillimita ruħha sabiex tikkonstata n-nuqqas għas-snin 2005 sa 2007, tali sentenza ma jkollha l-ebda effettività. Fil-fatt, fil-każ li n-nuqqas ikompli, il-Kummissjoni tkun obbligata li tippreżenta rikors ieħor għas-snin 2008 sa 2010 u tkompli sejra hekk. Għaldaqstant, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll dwar is-sitwazzjoni preżenti peress li r-rikors jirrigwarda l-osservanza kontinwa tad-Direttivi 1999/30 u 2008/50.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

- 49 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, minkejja li r-Repubblika Taljana ma qajmet l-ebda eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina *ex officio* jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 258 TFUE għall-preżentata ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kinux ġew sodisfatti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1992, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-362/90, Ġabra p. I-2353, punt 8; tas-26 ta' Jannar 2012, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja, C-185/11, punt 28, u tal-15 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-34/11, punt 42).
- 50 F'din il-perspettiva, għandu jiġi vverifikat jekk l-opinjoni mmotivata u r-rikors jippreżentawx l-ilmenti b'mod koerenti u preċiż sabiex jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tkun taf eżattament il-portata tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, kundizzjoni neċessarja sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tivverifika l-eżistenza tan-nuqqas allegat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Frar 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-199/04, Ġabra p. I-1221, punti 20 u 21, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43).
- 51 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 38(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-verżjoni tagħhom fis-seħħ fid-data ta' meta ġie ppreżentat ir-rikors, u mill-ġurisprudenza relatata ma' din id-dispożizzjoni, kull rikors promotur għandu jindika s-suġġett tal-kawża u għandu jagħti sunt tal-motivi u din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha. Minn dan jirriżulta li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' liġi li huwa bbażat fuqhom ir-rikors għandhom jirriżultaw b'mod koerenti u li jistgħu jiftiehm mit-test tar-rikors innifsu u li t-talbiet ta' dan ir-rikors għandhom jiġu fformulati b'mod mhux ekwivoku sabiex jiġi evitat li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi *ultra petita* jew li tonqos milli tiddeċiedi fuq ilment (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 52 Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni ma tippreċiża, la fil-konklużjonijiet tar-rikors tagħha u lanqas fir-raġunijiet tagħha, is-snin li għalihom in-nuqqas qed jiġi kkontestat. Fil-fatt, hija tillimita lilha nnifha li tinnota li r-Repubblika Taljana qabżet il-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet



tal-PM<sub>10</sub> “matul bosta snin konsekuttivi”. Hija tallega li dan jirrigwarda nuqqas attwali u li d-deċizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrigwarda l-preżent u mhux il-passat, mingħajr ma tippreċiża l-perijodu inkwistjoni.

- 53 F’dawn il-kundizzjonijiet, għandu bilfors jiġi kkonstatat li l-assenza ta’ indikazzjoni ta’ element indispensabbli fil-kontenut tar-rikors promotur, bħal dak tal-perijodu li matulu r-Repubblika Taljana kisret, skont l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, id-dritt tal-Unjoni, ma jissodisfax l-eżiġenzi ta’ koerenza, ta’ ċarezza u ta’ preċiżjoni (ara, f’dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar ’il fuq, punt 47).
- 54 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tindikax il-perijodu preċiż fir-rigward tan-nuqqas ikkritikat u tonqos, fil-fatt, milli tipprovdi provi rilevanti billi tenfasizza, fi ftit kliem, illi hija ma għandha ebda interess ġuridiku, f’din il-kawża, sabiex tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja deċiżjoni fir-rigward ta’ fatti fil-passat ladarba hija ma tiegħu ebda benefiċċju minn sentenza li tikkonstata sitwazzjoni fil-passat. Għaldaqstant, din l-istituzzjoni mhux talli tinjora manifestament l-obbligi, kemm għall-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll għaliha stess, li joħorġu mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 50 u 51 ta’ din is-sentenza, talli tonqos milli tqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja f’pożizzjoni li teżerċita l-istħarriġ tagħha ta’ dan ir-rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu.
- 55 Madankollu, għandu jiġi osservat li l-verifika tar-rapporti annwali ppreżentati mir-Repubblika Taljana u li jirrigwardaw is-snin 2005 sa 2007 uriet li l-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> kienu nqabżu f’bosta żoni u agglomerazzjonijiet. Fuq il-bażi ta’ dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni qiset li r-Repubblika Taljana ma kinitx osservat l-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/30 minħabba l-fatt li, f’55 żona u agglomerazzjoni Taljana, indikati fl-anness mal-ittra ta’ intimazzjoni, il-valuri limitu ta’ ġurnata u/jew annwali applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> kienu nqabżu matul is-snin 2006 u 2007.
- 56 Minn dawn l-elementi wieħed jista’ jasal għal konklużjoni li n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/30, fi kwalunkwe każ, ikopri l-perijodu 2006 u 2007 u jirrigwarda 55 żona u agglomerazzjoni Taljana.
- 57 F’dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikors ippreżentat għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu, fil-limiti hekk kif iddefiniti, jista’ jiġi ddikjarat ammissibbli. Min-naħa l-oħra, safejn jirrigwarda l-2005 u l-perijodu li ġie wara l-2007, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.
- 58 Fir-rigward tal-fondatezza ta’ dan ir-rikors, għandu jittfakkar li r-Repubblika Taljana tammetti, fl-osservazzjonijiet tagħha, il-qbiż tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fil-limiti kkonstatati fil-punt 56 ta’ din is-sentenza.
- 59 Ir-Repubblika Taljana żżid li dawn il-valuri limitu ma setgħux jiġu osservati fit-termini mogħtija fid-Direttiva 1999/30 għal minn tal-inqas ħames raġunijiet, esposti fil-punt 41 ta’ din is-sentenza. F’dawn il-kundizzjonijiet, li tiġi ggarantita l-osservanza tal-imsemmija valuri ta’ limitu kien jimplika l-adozzjoni ta’ miżuri drastiċi fuq il-pjan ekonomiku u soċjali kif ukoll ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali bħal dawk tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni, l-inizzjattiva ekonomika privata u d-dritt taċ-ċittadini għas-servizzi ta’ użu pubbliku.
- 60 F’dan id-dawl, għandu jiġi enfasizzat li, fl-assenza ta’ tibdil ta’ direttiva mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jestendi t-termini għall-implimentazzjoni, l-Istati Membri huma obbligati li josservaw it-termini stabbiliti oriġinalment.

- 61 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Taljana ma tallegax li kienet talbet, b'mod partikolari, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 1999/30, li tirrigwarda s-sitwazzjoni li fiha l-valuri ta' limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali jinqabżu minħabba avvenimenti naturali li jirriżultaw f'konċentrazzjonijiet notevolment b'eċċess tal-livelli normali minn sorsi naturali.
- 62 Issa, il-proċedura msemija fl-Artikolu 258 TFUE hija bbażata fuq il-konstatazzjoni oġġettiva tan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-obbligi li jimponi fuqu t-TFUE jew att ta' leġislazzjoni sekondarja (ara s-sentenzi tal-1 ta' Marzu 1983, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, 301/81, Ġabra p. 467, punt 8, u tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-297/08, Ġabra p. I-1749, punt 81).
- 63 Peress li tali konstatazzjoni kienet, fil-każ inkwistjoni, ġiet stabbilita, ma huwiex rilevanti li n-nuqqas jirriżulta minn volontà tal-Istat Membru li huwa imputabbli, għan-negliġenza tiegħu jew inkella għad-diffikultajiet tekniċi li għalihom dan tal-aħħar kellu jaffronta (sentenzi tal-1 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-71/97, Ġabra p. I-5991, punt 15, u tal-4 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 82).
- 64 Fi kwalunkwe każ, Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet li jkunu momentarjament insormontabbli u li jfixxluh milli jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, jista' jinvoka sitwazzjoni ta' forza maġġuri biss għall-perijodu strettament neċessarju sabiex jirrimedja għal dawn id-diffikultajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, C-1/00, Ġabra p. I-9989, punt 131).
- 65 Madankollu, fil-każ preżenti, l-argumenti tar-Repubblika Taljana huma wisq ġenerali u neqsin mill-preċiżjoni sabiex ikunu jistgħu jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri li jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tal-valuri limitu applikabbli għall-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> f'55 żona u agglomerazzjoni Taljana msemija mill-Kummissjoni.
- 66 Konsegwentement, hemm lok li r-rikors jintlaqa' fil-limiti msemija fil-punt 56 ta' din is-sentenza.
- 67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, peress li ma żgurax li, għas-snin 2006 u 2007, il-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali ma jaqbx il-valuri limitu stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/30 fil-55 żona u agglomerazzjoni Taljana msemija fl-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2009, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-imsemmija dispożizzjoni.

### Fuq l-ispejjeż

- 68 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li tiflew il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 138(3) tal-istess regolament, jekk il-partijiet jitolfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha.
- 69 F'din il-kawża, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ilment tal-Kummissjoni bbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/30, li sar l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50, għal dak li jirrigwarda s-sena 2005 u l-perijodu li jiġi wara s-sena 2007, kien ġie ddikjarat inammissibbli.
- 70 Konsegwentement, hemm lok li l-Kummissjoni u r-Repubblika Taljana jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Peress li ma żguratx li, għas-snin 2006 u 2007, il-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>10</sub> fl-arja ambjentali ma jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE, tat-22 ta' April 1999, dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali, fil-55 żona u agglomerazzjoni Taljana msemmija fl-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Frar 2009, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-imsemmija dispożizzjoni.**
- 2) **Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.**
- 3) **Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Taljana għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem